**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 17 ta' April, 2018.**

**Talba Nru: 464/2016PA**

**GO plc**

**vs**

**Ramona Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fl-20 ta' Ottubru 2016 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' elf seba' mija u wiehed u disghin Ewro u disgha u tletin centezmu (€1,791.39c) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40159135, li dwaru kienet ikkuntrattat mal-kumpanija Mobisle Communications Ltd, li giet amalgamata fis-socjeta' attrici b'effett mid-19 ta' Dicembru 2015, wara li l-istess konvenuta baqghet ma hallsitx minkejja li kienet debitament interpellata biex taghmel dan. Hija talbet ukoll li l-konvenuta tigi kundannata thallas l-ispejjez u d-drittijiet.

Ra d-dokumenti pprezentati mis-socjeta' attrici mal-Avviz tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-hlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta' din il-kawza (Dok. A, fol. 2); (ii) kopja tal-kuntratt li s-socjeta' attrici ffirmat mal-konvenuta (Dok. B, fol. 3-4); u (iii) estratt mir-Registru Elettorali li juri l-indirizz registrat tal-konvenut (Dok. C, fol. 5).

Ra r-Risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepiet li (i) preliminarjament qatt ma kien hemm relazzjoni guridika bejn GO plc u Ramona Caruana fir-rigward tal-*laptop* imsemmi u dwar is-servizzi imsemmija fit-talba u ghalhekk l-istess Ramona Caruana ghandha tigi liberata mill-sservanza tal-gudizzju bl-ispejjez; (ii) ghandu jigi kjamat fil-kawza Daniel Paul Grima li probabilment hu responsabbli ghad-dejn imsemmi fit-talba; u (iii) minghajr pregudizzju, it-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt, kif jigi konfermat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, billi l-kuntratt ma sarx minnha u l-laptop imemmi mhuwiex taghha u li l-istess Ramona Caruana qatt ma kellha kuntratti ma' GO plc.

Ra l-ordni tieghu tal-25 ta' Jannar 2017 dwar l-inverzjoni tal-provi.

Sema' x-xiehda tax-xhieda mressqa mill-kontendenti.

Sema lill-espert kalligrafiku *ex parte* mressaq mill-konvenuta.

Ra d-dokumenti ezibiti.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidra li:

Il-konvenuta **Ramona Caruana**[1] ddikjarat li l-kuntratt li tistrieh fuqu l-attrici f'din il-kawza ratu ghall-ewwel darba meta rceviet l-atti ta' dina l-kawza u kkonsultat mal-avukat taghha. Ghalkemm ikkonfermat li d-dettalji li jidhru fuqu huma taghha, hija cahdet li l-firma li tidher fuqu ghamlitha hi, u insistiet li hu mhux hekk tiffirma, u li l-firma taghha hija dik li tidher fir-Risposta taghha.

In kontroezami, Ramona Caruana qalet li fiz-zmien in kwistjoni Daniel Paul Grima kien l-gharus taghha, u kienet tghix mieghu l-Hamrun. Ir-relazzjoni ta' bejniethom qalet li spiccat fl-2010. Hija insistiet li qatt ma rat il-*laptop* imsemmi f'dan

[1] Ara xiehda, 28.2.2017, fol.17 sa 19

il-kuntratt, u li l-*laptop* taghha – li huwa iehor – ghadu ghandha sal-lum. Caruana ammettiet li, wara li rceviet il-karti tal-Qorti, hija tkellmet mar-rapprezentanta tas-socjeta' attrici u staqsietha jekk setghetx tammetti l-kawza u thallas bil-mod, u spjegat li rragunat li Grima ma kienx ser jammetti li dan dejn tieghu, u tispicca jkollha thallsu hi wara li toqghod tiela' u niezla l-Qorti. Hija ddikjarat li, dwar dan il-kaz, ma ghamlitx rapport lill-pulizija. Fuq domanda tat-Tribunal, il-konvenuta qalet li ma tafx jekk Grima kienx xtara servizz bil-laptop minghand is-socjeta' attrici. Il-konvenuta pprezentat kopja awtentikata tal-karta tal-identita' taghha fejn tidher il-firma taghha[2], u kopja tal-formola relattiva fejn ukoll tidher il-firma taghha.[3]

Il-konvenuta pprezentat relazzjoni teknika redatta mill-avukat Dr. Juliana Scerri Ferrante[4], bhala espert kalligrafiku, dwar l-awtenticita' tal-firma taghha fuq il-kuntratt li tistrieh fuqu l-attrici f'din il-kawza. Dr. Scerri Ferrante spjegat li giet murija l-firma meqjusa bhala tal-konvenuta fuq id-dokument anness mal-Avviz tat-Talba f'dan il-kaz – li hija kopja tal-firma u mhux il-firma originali – u pparagunatha ma' diversi firem originali tal-konvenuta maghmula fuq dokumenti datati 20 ta' Mejju 2016 sa 20 ta' Frar 2017, u fuq firem li hadet hija stess minghand il-konvenuta fit-22 ta' Mejju 2017. L-espert *ex parte* innotat li l-firma li tidher fuq il-kuntratt ipprezentat mis-socjeta' attrici *'is not the normal signature of Ramona Caruana ... [and] contained characteristics different from those found in Ms Caruana's authentic signature and these differences could be identified even from a photocopy'*.[5] Hija kkonkludiet li l-firma fuq il-kuntratt ezibit mis-socjeta' attrici allura mhix tal-konvenuta.

L-espert *ex parte* **Dr. Scerri Ferrante**[6] tressqet b'xhud tas-socjeta' attrici. Hija kkonfermat li ma ratx id-dokument originali li fuqu hemm il-firma kontestata. Qalet li hija talbet l-original minghand il-konvenuta, pero' giet infurmata li dan ma kienx disponibbli. Ma talbitux pero' minghand is-socjeta' attrici. Qalet li talbet lill-konvenuta tipprovdilha dokumenti bil-firem taghha fuq medda ta' zmien, u pprovdietilha dawk

[2] Dok. A, fol.22
[3] Dok. B, fol.24 sa 25
[4] Fol.29 sa 38
[5] Fol.29

elenkati fl-opinjoni taghha, u li kopja ta taghhom giet annessa mal-istess opinjoni. Hija pero' insistiet li, ghalkemm ma ratx il-firma originali li qed tigi kontestata, il-konkluzjoni taghha hija cara u certa anke mill-kopja taghliex il-karatteristici generali u partikolari huma kompletament differenti mill-bqija tal-firem tal-konvenuta fuq id-dokumenti l-ohra provduti lilha mill-istess konvenuta u msemmija fl-opinjoni taghha.

Is-socjeta' attrici ressqet b'xhud taghha lir-rapprezentant taghha **Charmaine Psaila Raji**[7]. Hija xehdet li, mindu bdiet din il-kawza, is-socjeta' attrici ma rceviet ebda hlas minghand il-konvenuta. Qalet li l-konvenuta kellmitha l-ewwel darba li attendiet il-Qorti f'din il-kawza, u staqsietha x'setghet taghmel biex thallas. Hija tatha n-numru tat-telefon tal-ufficju taghha biex iccemplilha, u min-naha taghha l-konvenuta tatha n-numru cellulari taghha. Il-konvenuta talbitha zmien biex thallas bil-mod, u qatt ma semmietilha xi kwistjoni dwar firma li mhix taghha. Billi dehret li kellha riedha biex thallas, ix-xhud qalet li ppruvat tghinnha.

Is-socjeta' attrici ressqet ukoll b'xhud taghha lil **Daniel Paul Grima**. Huwa cahad li kien ghamel il-firma fuq il-kuntratt anness mal-Avviz tat-Talba, u ddikjara li dak id-dokument qatt ma kien rah u ma kienx jaf x'inhu. Qal li lill-konvenuta jafha ghax kellu relazzjoni maghha, gieli raqad ghandha, u kellhom relazzjoni li bdiet fl-1999 u baqghu jkaxkru biha. Qal li jiftakar li l-konvenuta kellha *laptop*, li proprjament kienet tatulu b'rigal ghal gheluq sninu. Dan kien tad-ditta Dell, u kienet xtratu minghand l-Intercomp il-Marsa. Dan il-*laptop* haditu maghha l-konvenuta meta r-relazzjoni ta' bejniethom spiccat. Ir-relazzjoni taghhom spiccat definittivament fl-2011, u x-xhud ma ftakarx li dak iz-zmien il-konvenuta kellha *laptop* iehor.

Il-konvenuta **Ramona Caruana**[8] xehdet ukoll fuq talba tas-socjeta' attrici. Hija cahdet li qatt kellha l-*laptop* li dwaru l-attrici qed titlob hlas b'din il-kawza. Il-konvenuta spjegat li diga' gralha kaz iehor mal-Melita fejn Daniel Paul Grima kellu servizz cellulari li kellha thallaslu ghalih hi. Mal-Melita kienet iffirmat hi ghalih ghaliex hu ma setax

---

[6] Ara xiehda, 20.9.2017, fol.52 sa 53
[7] 30.5.2017, fol.40 sa 41
[8] Ara xiehda, 24.10.2017, fol.61 sa 63

jaghmel kuntratti. F'dan il-kaz, pero', cahdet li l-firem fuq il-kuntratt ghamlithom hi. Hija kkonfermat li n-numru cellulari li jidher fuq il-kuntratt huwa n-numru taghha. Hija cahdet li fl-2010 kellha kontijiet il-bank, ghaliex qalet li l-Melita kienu ghamlulha sekwestru minhabba fid-dejn li semmiet ta' Daniel Paul Grima. Ghalkemm qalet li kellha kontijiet l-HSBC u l-BOV, qalet li qatt ma hadmet fil-fergha tal-Hamrun ghaliex hi mill-Qrendi u kienet tinqeda l-Imqabba. Hija cahdet ukoll li ffirmat fuq id-Direct Debit Mandate muri lilha mis-socjeta' attrici.

**Maryanne Camilleri**,[9] *credit control officer* mas-socjeta' attrici, iddikjarat li l-konvenuta fadlilha thallas is-somma ta' elf, seba' mija u wiehed u disghin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€1,791.93c). L-ahhar pagament kien sar fis-17 ta' Marzu 2011, u kienu thallsu biss l-ewwel zewg kontijiet li hargu fl-1 ta' Novembru 2010 u fl-1 ta' Dicembru 2010. Saru b'kollox zewg hlasijiet, it-tnejn b'*direct debit mandate* mill-bank f'isem il-konvenuta, pero' z-zewg hlasijiet gew rigettati f'data sussegwenti b'mod li qatt ma waslu ghand is-socjeta' attrici. Hija kompliet tghid li d-*direct debit mandate* ghandha l-istess data bhall-kuntratt, u s-soltu tigi ffirmata kontestwalment, fl-istess *outlet* fejn ikun sar il-kuntratt.[10]

L-attrici ressqet ukoll b'xhieda taghha lir-rapprezentanti tal-HSBC Bank. **Audrey Ghigo**[11] ipprezentat dokumentazzjoni bankarja dwar zewg kontijiet ta' tfaddil li kellha l-konvenuta ma' dan il-bank, flimkien mal-*closing voucher* ta' kont iehor li kienet ghalqet fl-2010 u *specimen signature card* dwar il-kont ta' tfaddil li fethet fl-2010. B'riferenza partikolari ghall-hlas b'*direct debit mandate* li sar mill-bank lis-socjeta' attrici, u li gie rifuz immedjatament[12], Ghigo qalet li l-pagament ma setax isir minhabba f'sekwestru li kellha l-konvenuta fuq kont taghha. **Gilbert Caruana**[13], ufficjal fil-*payments department* tal-bank HSBC, qal li fuq il-kont tal-konvenuta li minnu kienet tat struzzjoni lill-bank biex ihallas lis-socjeta' attrici fuq il-kuntratt mertu tal-kawza kien hemm sekwestru registrat (Sekw. 486/2011). Dan is-sekwestru gie registrat fit-18 ta' Frar 2011. Il-hlas

---

[9] Ara xiehda, 24.10.2017, fol.64 sa 65
[10] Ara kontinwazzjoni tax-xiehda taghha, 16.1.2018, fol.115 sa 116
[11] Ara xiehda 29.11.2017, fol.74 sa 75
[12] Fol.81 u fol. 82

ma giex konkluz ghaliex il-bank sab dan is-sekwestru u allura ma kellux flus disponibbli biex ihallas.

Ikkunsidrat:

Din hija kawza li s-socjeta' attrici qed taghmel kontra l-konvenuta ghall-hlas tal-prezz tas-servizzi moghtija in konnessjoni ma' *laptop* HP Compaq 610, skond kuntratt datat 8 ta' Ottubru 2010[14]. Skond il-hlasijiet mitluba mis-socjeta' attrici, dan is-servizz kien provdut mill-1 ta' Novembru 2010 sax-xahar ta' Marzu 2012, u l-hlas shih mitlub b'din il-kawza huwa fis-somma ta' elf seba' mija u wiehed u disghin Ewro u disgha u tletin centezmu (€1,791.39c).

Il-konvenuta tichad li kkuntrattat dan is-servizz mas-socjeta' attrici, u tichad ukoll li qatt kellha, jew ghad ghandha, fil-pussess taghha l-*laptop* imsemmi, jew li rceviet is-servizz li tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas. Hija accennat li, fil-passat, kienet dahlet f'kuntratt ghal servizzi ta' komunikazzjoni f'isimha pero' fl-interess tas-sieheb li kellha dak iz-zmien, u li ma setax jaghmel kuntratti, u spiccat kellha thallaslu l-kontijiet hi. Fir-Risposta taghha, il-konvenuta semmiet lil dan is-sieheb precedenti taghha b'ismu – Daniel Paul Grima (li anke xehed f'din il-kawza) – bhala l-persuna li *'probabilment'*[15] ghandha thallas. Il-konvenuta accettat li d-dettalji personali li jidhru fuq il-kuntratt li fuqu s-socjeta' attrici tibbaza t-talba taghha huma korretti, u jirreferu ghaliha.

Wara li qies b'reqqa x-xiehda kollha li sema' f'din il-kawza, u ra d-dokumenti kollha ezibiti, partikolarment id-dokumenti originali bil-firem kontestati, u d-dokumenti bankarji li juru firem tal-konvenuta fl-2010, it-Tribunal mhuwiex sodisfatt, fuq bilanc ta' probabiltajiet, li l-firma li tidher fuq il-kuntratt datat 8 ta' Ottubru 2010 mas-socjeta' attrici, u fuq id-*direct debit mandate* form riferibbli ghalih, mhumiex firem awtentici tal-konvenuta Ramona Caruana. It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta ma rnexxielhiex tipprova dak allegat minnha, ghaliex (i) it-terz indikat minnha, Daniel Paul Grima, iddikjara car li

---

[13] Ara xiehda, 16.1.2018, fol.117 sa 118
[14] Fol. 3; ara wkoll kopja originali, fol.67 sa 70
[15] Ara Risposta, fol.14

ma kienx hu li ghamel dan il-kuntratt, u li hu kellu laptop differenti li kienet xtratulu l-konvenuta; (ii) il-konvenuta ma spjegatx kif gew ghand is-socjeta' attrici d-dettalji personali precizi taghha, biex seta' gie redatt il-kuntratt mertu tal-kawza, u biex sar id-*Direct Debit Mandate* li gie accettat u addirittura ezegwit mill-bank, hlief ghal li ma sabx bizzejjed flus fil-kont indikat registrat f'isem il-konvenuta minhabba f'sekwestru; (iii) aktar importanti, jidher mid-dokumenti ezibiti li, maz-zmien, il-konvenut bidlet sostanzjalment il-firma taghha, u possibilment kienet anke tiffirma differenti fl-istess zmenijiet – dan qed jinghad ghaliex, jekk wiehed ihares lejn il-firma tal-konvenuta fit-2 ta' Lulju 2010 fuq il-*Closing Account Voucher* tal-bank HSBC[16], din hija ghal kollox differenti mill-firma li ghamlet fit-30 ta' Settembru 2010 ghall-istess bank[17]; (iv) f'dan il-kuntest, it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-konkluzjonijiet teknici li lahqet, u spjegat f'din il-kawza, l-espert kalligrafika *ex parte* Dr. Juliana Scerri Ferrante, li ma ratx il-firma originali kontestata, u llimitat l-ezercizzju tal-paraguni bejn kopja ta' dik il-firma, u l-firem li ghazlet li turiha l-konvenuta riferibbli ghal sitta u seba' snin wara li saret il-firma kontestata. Dr. Scerri Ferrante lanqas ma spjegat x'inhuma l-karatteristici generali, u partikolari, tant differenti bejn il-firma in ezami, u l-firem awtentici li tatha l-konvenuta, u li ghamlet quddiemha.

Fir-rigward tax-xiehda ta' espert *ex parte*, l-**art. 563A(3)** tal-Kap. 12 jipprovdi li *'L-opinjoni mogħtija minn persuna skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 681 u għas-setgħa tal-qorti li taħtar perit skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 646.'* L-**art. 681** tal-Kap. 12 jipprovdi li *'l-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha.'*

Billi t-Tribunal huwa moralment konvint, fuq bilanc ta' probabiltajiet, li l-firma li tidher fuq il-kuntratt datat 8 ta' Ottubru 2010 hija firma awtentika tal-konvenuta, l-eccezzjonijiet imressqa minnha ma jistghux jintlaqghu. Mill-banda 'l ohra, it-Tribunal

[16] Dok. AG3, fol.112
[17] Dok. AG4, fol.113

jidhirlu li s-socjeta' attrici ppruvat sodisfacentement, sal-livell li trid il-ligi, kemm ir-relazzjoni kuntrattwali taghha mal-konvenuta, u anke li l-ammont mitlub huwa dovut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn moghtija, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, jilqa' t-talba attrici, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma mitluba ta' elf seba' mija u wiehed u disghin Ewro u disgha u tletin centezmu (€1,791.39c), bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba fl-Avviz tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Gudikatur**